TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Marika Portelli

vs

Super Audio Company Ltd.

CCT 155/20/MS

22 ta' Settembru 2021

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fis-27 ta' Ottubru 2020 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' €149.00, prezz ta' *stereo system* mixtri minghand is-socjeta' intimata, liema stereo kien difettuz.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata li cahdet it-talbiet rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-atti kollha tal-kaz.

Sema' x-xhieda bil-gurament

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi u mhux kontestat illi fit-12 ta' Mejju 2020, ir-rikorrenti xtrat *stereo* minghand Super Audio Company Limited ghal prezz ta' €149.00. Ir-rikorrenti, li xehdet f'dawn il-proceduri, qalet illi malli xtratu kienet thalli l-istereo spiss fuq ir-radju u beda jaghmel hoss qawwi bhal zarzir. Hija infurmat il-kumpanija b'dan u qalet illi l-ewwel darba huma pruvaw jirrangaw il-hsara u fil-fatt dan il-hoss ma baqax jinstema' u hija kienet kuntenta. Wara ftit zmien innutat illi kull meta kienet iddoq diski (CDs) id-diski jibdew jaqbzu u fil-fatt regghet marret u din id-darba l-istereo inbidel ghal wiehed gdid. Ir-rikorrenti pero' tghid illi hi nghatat stereo mid-display u skond hi dan ma kienx gdid mill-kaxxa. Wara ftit, regghet bl-istess problema u talbet flusa lura izda accetat illi jittiehed ghat-tiswija ghand it-*technician* tal-kumpanija. Wara xi gimgha marret tigbru u ppruvatu u kien tajjeb. Ma hallset xejn ghat-tiswija ghaliex kien ghadu taht garanzija. Ir-rikorrenti tghid illi marret id-dar u kollox kien sew pero wara ftit innotatat li malli titfa CD dan jibda

jaqbez. Hemmhekk hija kellmet ma' terza persuna u ghaddhielha hsieb illi l-owner kien qed jabbuza mis-sistema. Fid-9 ta' Awwissu hi baghtet messagg lis-sid fejn akkuzatu illi hu kien qed jabbuza bis-sistema u li kienu ser jittiehdu passi kriminali kontrih. Hemmhekk, is-sistema giet sew ghal ftit, umbaghad regghet bil-problemi.

Illi xehed ukoll Louis Bezzina, direttur tas-socjeta' intimata, li kkonferma illi l-ewwel darba li r-rikorrenti giet ghandu, r-radju kellu problema ta' frekwenza u dan jimmanifesta ruhu b'hoss ta' zarzir. Ir-radju ttiehed ghand it-technician li ghamillu earth-wire' umbaghad inbidel ghal wiehed gdid u s-sinjura kienet kuntenta.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din l-istanza, ir-rikorrenti qed titlob ir-rifuzjoni ta' €149.00 wara li xtrat *stereo system*, li skond hi, kien difettuz. Din l-allegazzjoni giet rifjutata mill-intimat. Bhala fatt, it-Tribunal kellu l-opportunita illi jezamina l-istereo u ma jidhirx illi kien hemm problemi. Fil-fatt kien qed jahdem perfettament. Dan gie anke konfermat mir-rikorrenti, fil-presenza tal-istess Tribunal, fejn qabblet illi l-istereo kien qed jahdem perfettament, pero' insistiet illi l-problema kienet gjja minn *interference* min-naha tal-intimata li kien qed juza apparat mid-dar tieghu sabiex itellef il-funzjoni tal-istess stereo. Dak li jidher li qieghda tallega r-rikorrenti, huwa li l-istereo jahdem perfettament meta jinhareg mid-dar taghha u jintuza f'post iehor. Ir-rikorrenti qieghda tinsinwa illi l-intimat qed ittellef u jfixxkel it-tgawdija tal-*istereo* billi jaghmel tip ta' sabutagg fil-frekwenza. Apparti l-fatt illi dan bla ebda mod gie ppruvat mir-rikorrenti, din l-allegazzjoni ghandha sfond kriminali u hija lil hinn mill-ambitu ta' dan it-Tribunal.

Gialadarba l-istereo hadem perfettament, it-Tribunal jidhirlu illi jkun inutli illi jinhatar espert a spejjes tar-rikorrent f'dan l-istadju. It-Tribunal jidhirlu ukoll Illi fic-cirkostanzi r-rikorrenti ma ppruvatx il-kaz taghha u ma jistax jilqa' t-talba taghha.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrenti. Bl-ispejjes kontra taghha.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru